MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Talba Numru. 2674/2002

**Joe Attard**

**Vs**

**Anthony Bonanno u
Francis Bonanno**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ Lm850.00c (tmien mija u hamsin lira Maltin) rapprezentanti hlas ta’ senserija li huwa wettaq.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn ikkontestaw it-talba ta’ l-attur peress li dan ta’ l-ahhar gie mhallas ghax-xoghol ta’ senserija li kien lahaq ghamel u ma kien fadal ebda relazzjoni kuntrattwali bejniethom.

Sema’ x-xhieda u ra n-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi l-fatti kif gew pruvati fil-kaz in ezami huma s-segwenti:

a) Illi l-konvenuti qabdu lill-attur u lill-agenzija Doors Real Estate, t-tnejn independentement minn xulxin, biex ibieghu l-fond Flat 14, Atlanta Flats, Triq in-Nawciera, Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar.

b) Illi l-konvenuti kif ikkonfermat mix-xhieda taghhom stess wieghdu lill-attur Lm1,000 (elf lira Maltin) jekk isibilhom il-bejgh ta' l-istess fond u tawh ic-cavetta tal-fond u hallewh jaghmel is-sinjal 'For Sale' ma' l-istess fond bin-numru tal-mobile tieghu.

c) L-attur iltaqa' max-xerrej diversi drabi biex jurih il-post u f'okkazzjoni minnhom kienet marret ukoll l-impjegata ta' l-agenzija. Huwa laqqa' wkoll ix-xerrej mal-bejjiegha, (l-konvenuti) fejn thaddtu fuq il-prezz.

d) Illi f'certu punt il-konvenuti komplew it-trattativi ta' bejgh max-xerrej permezz ta' l-agenzija li kompliet twettaq is-servizzi ta' senserija u ghalhekk il-konvenuti riedu jtemmu l-inkarigu ta' l-attur billi qalulu li bieghu l-fond u hallsuh is-somma ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) kumpens tas-servizzi li ghamel. L-attur accetta din is-somma.

e) L-impjegata ta' l-agenzija kienet prezenti waqt il-konvenju u l-bejgh ta' l-istess fond.

Ic-cirkostanzi hawn huma l-istess bhal dawk li dwarhom il-Qorti ta' l-Appell, f'sentenza moghtija fis-16 ta' Frar 1945, citata mill-konvenut, qalet:

"***Meta t-trattativi ta' bejgh ikunu mibdijin minn sensal u dan ikun laqqa' l-partijiet, u l-partijiet ikunu thaddtu fuq il-prezz u l-kundizzjonijiet pero' ma waslux ghall-ftehim, u dana l-ftehim isir permezz ta' sensal iehor bl-istess kundizzjonijiet ta' qabel, il-Qrati taghna dejjen taw kumpens lis-sensal skond ix-xoghol li ghamel u l-importanza ta' l-operazzjoni, ghax huwa jkun***

***ikkontribwixxa ghas-success tan-negozju, ghalkemm in-negozju ma giex konkluz permezz ta' dak is-sensal, il-kumpens tieghu ma jistax jigi negat."***
Ghalhekk, ghalkemm l-attur jisthoqqlu kumpens ghas-servizzi li ghamel, ma jistax jitlob senserija shiha.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, wara li qies is-servizzi effettivament rezi mill-attur, kif ukoll il-valur tal-proprjeta' mibjugha, l-attur inghata l-kumpens li kien jixraqlu, ghalhekk jichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------